MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-20 ta' April, 2006

Talba Numru. 1575/2004

**Jimcam Enterprises Ltd**

**Vs**

**Chas Ltd**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Awissu 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm1280.30 (elf mitejn u tmenin Lira Maltin u tletin centezmu) dovuti ghall-bejgh ta' prodotti.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Is-socjeta` attrici qed titlob il-hlas ta' l-ammont ta' elf u mitejn u tmenin lira u tletin centezmu (Lm1280.30), bilanc dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici ghall-bejgh ta' prodotti, imghaxijiet relattivi, spejjez legali b'riserva ghall-imghaxijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. L-Inkompetenza “ratione valoris” peress illi l-ammont reklamat huwa parti minn ammont akbar f’kont kurrenti li jeccedi l-Lm1,500.
2. Bla pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub huwa eccessiv.
3. Is-socjeta` attrici ghandha tipprezenta statement dettaljat f’sorte, imghaxijiet u spejjez ta’ kif waslet ghall-ammont mitlub u x’jirrapprezenta.
4. Illi din il-kawza hija konnessa ma’ zewg kawzi ohra fl-istess ismijiet, u cioe` l-Avviz Nru 1570/2004AJD u l-Avviz Nru 1577/2004PM pendenti ukoll quddiem dan it-Tribunal diversament presjedut, u ghalhekk hu indikat li t-tlett kawzi jigu mismughin flimkien a tenur ta’ l-Artikolu 793 (1) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Bl-ispejjez.

Ra l-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2004.

Ikkonsidra:

It-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija llum stess fil-kawza fl-istess ismijiet numri, 1570/04 u 1577/04 u ghalhekk jilqa l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes kontra l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------